MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 55/2012/1

**Paul u Marianne konjugi Hili**

**v.**

**1. L-Avukat Generali; 2. Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja; 3. Segretarju Permanenti fil-**

**Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment ghal kull interess li jista' jkollu; 4. Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell maghmul mir-rikorrenti minn sentenza moghtija fit-13 ta' Frar 2014 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, li permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati, cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti: ghal dikjarazzjoni li l-Artikolu 91 tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta huwa leziv tal-Artikoli 36, 37, 39[1] u [9] tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u tal-Artikoli 3, 6[1], 14, l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni], u li konsegwentement l-applikazzjoni tal-imsemmi Artikolu 91 m'ghandha ebda effett fil-ligi; u sabiex filwaqt li din il-Qorti taghti dawk l-ordnijiet opportuni inkluz li tordna li r-rikorrenti jithallsu dik il-parti tal-pensjoni u l-*bonuses* li sal-lum gew lilhom imnaqqsa, u li sussegwentement jibqghu jigu mhallsa l-pensjoni u l-*bonuses* kollha spettanti lilhom fl-intier taghhom.

**2.** Ir-rikorrenti appellaw minn din id-decizjoni, u fir-rikors tal-appell taghhom talbu li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet taghhom, bl-ispejjez kontra l-intimati li min-naha taghhom talbu li l-appell jigi michud u s-

sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

**Fatti**

**3.** Il-fatti relevanti ghal dan l-appell huma mfissra hekk fis-sentenza appellata.

"**Fatti**

"Bis-sahha ta` sentenza moghtija fid-19 ta` Gunju 2008 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet '*Ir-Repubblika ta` Malta vs Paul Hili'* ir-rikorrent kien ikkundannat ghal piena ta` tnax (12)–il sena prigunerija. Meta r-rikorrent, ipprezenta r-rikors odjern, huwa kien qieghed jiskonta s-sentenza fil-Forensic Unit – Sptar Monte Carmeli.

"Meta rcieva l-kundanna, ir-rikorrent ma kienx ghadu rtira mix-xoghol. Kien impjegat bhala technician mal-Air Malta plc. Wara li beda jiskonta s-sentenza, u qorob ghall-eta` tal-irtirar, huwa applika ghall-pensjoni tas-sigurta` socjali li ghaliha kien hallas il-kontribuzzjonijiet skond il-ligi. Ir-rikorrent ghalaq il-61 sena fid-29 ta` Jannar 2011. Id-Direttur tas-Sigurta` Socjali awtorizza l-hlas ta` nofs il-pensjoni (li ghaliha r-rikorrent kien ikun intitolat) ghax ir-rikorrent kien qieghed jiskonta sentenza ta` prigunerija. Dan in-nofs tal-pensjoni beda jithallas lil Marianne Hili li tigi mart Paul Hili.

"Bi svista pero` – ighid id-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali – ma kienux indunaw illi Marianne Hili *de proprio* kienet qeghda tippercepixxi pensjoni ta` invalidita`. Billi kienet qed tircievi dik il-pensjoni taghha, ma kenitx intitolata skond il-ligi illi tippercepixxi n-nofs tal-pensjoni tar-rikorrent.

"Id-Dipartiment ghalhekk talab lil Marianne Hili biex thallas lura n-nofs tal-pensjoni ta` zewgha li kienet thallset lilha indebitament fil-perijodu ta` bejn id-29 ta` Jannar 2011 u l-14 ta` Settembru 2012: b`kollox €9,257.95. Id-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali kienet kontestata fis-6 ta` Settembru 2012 billi l-kaz ittiehed mir-rikorrenti quddiem l-Arbitru skond il-ligi. L-appell ma kienx ghadu beda jinstema` mill-Arbitru sakemm il-kawza tal-lum thalliet ghas-sentenza.

"Intant biex jigbor lura nofs il-pensjoni tar-rikorrent li kienet thallset indebitament lil mart ir-rikorrent, id-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali beda jaqta` 5% mill-pensjoni tal-invalidita` ta` mart ir-rikorrent biex jaghmlu tajjeb ghaz-*'zejjed'* li kienet thallset."

## Is-Sentenza Appellata

**4.** L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"IV. L-Art 91 tal-Kap 318**

**"Fil-kawza tal-lum, ir-rikorrenti mhux ighidu illi l-Art 91 tal-Kap 318 kien applikat hazin fil-konfront taghhom, izda qeghdin jilmentaw illi l-Art 91 tal-Kap 318 bhala tali jikser id-drittijiet fondamentali taghhom.**

"Id-disposizzjoni in kwistjoni taqra hekk –

*""Persuna tkun skwalifikata milli tirċievi pensjoni, benefiċċju, allowance jew għajnuna li titħallas taħt dan l-Att għal xi perijodu li matulu tkun qed tinżamm fi stat ta' priġunerija jew detenzjoni b'konsegwenza ta' sentenza mogħtija talli tkun instabet ħatja ta' reat:*

*"Iżda meta dik il-persuna kienet tkun qed tirċievi allowance li titħallas taħt l-artikoli 76, 76A u 79, dik l-allowance għandha, matul dak il-perijodu, titħallas lill-kap tal-familja li miegħu it-tifel jew persuna, li dwarhom tkun qed titħallas dik l-allowance, ikunu joqgħodu:*

*"Iżda iktar meta dik il-persuna tkun raġel miżżewweġ li kien ikollu dritt għal pensjoni taħt dan l-Att, u li, minnufih qabel ma ngħata s-sentenza kif imsemmi fuq, ma kellux id-disposizzjonijiet tal-artikolu 96 japplikaw għalih, il-mara tiegħu għandha jkollha dritt li tirċievi nofs il-pensjoni li kienet titħallas lil żewġha li kieku hu ma kienx skwalifikat taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, sakemm hi ma jkollhiex ġa dritt għal pensjoni taħt dan l-Att bi dritt tagħha stess."*

**"Ikkunsidrat :**

**"V. <u>L-Art 36 tal-Kostituzzjoni u l-Art 3 tal-Konvenzjoni</u>**

"Ir-rikorrenti jsostnu li fil-kaz taghhom l-Art 91 tal-Kap 318 huwa lesiv tal-jeddijiet taghhom kif imharsa bl-Art 36 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ("il-Kostituzzjoni") u bl-Art 3 tal-Konvenzjoni Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni").

"L-**<u>Art 36 tal-Kostituzzjoni</u>** jaqra hekk –

*""(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti.*

*"(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwistjoni tawtorizza l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f 'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabbilita.*

*"(3) (a) Ebda liġi ma għandha tipprovdi għall-impożizzjoni ta' pieni kollettivi.*

*"(b) Ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma tipprekludi l-impożizzjoni ta' pieni kollettivi fuq il-membri ta' korp dixxiplinat skont il-liġi li tirregola d-dixxiplina ta' dak il-korp."*

"L-**Art 3 tal-Konvenzjoni** jghid –

*""Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti."*

"Skond ir-rikorrent Paul Hili, il-lezjoni taht dawn iz-zewg disposizzjonijiet hija kostitwita bil-fatt illi min-naha wahda l-Art 91 tal-Kap 318 ghax huwa prigunier iccahhdu mill-pensjoni kollha li kkontribwixxa ghaliha billi martu tircievi pensjoni tal-invalidita`, imbaghad fil-Forensic Unit – Sptar Monte Carmeli jinsab f`cella ma` erba` persuni ohra, bi privatezza ta` xejn, u b`facilitajiet ghal bzonnijiet tan-natura u igenici primittivi ; inoltre huwa ghandu l-pressjoni u z-zokkor, u l-ikel provdut lilu mhux kompatibbli mad-dieta li jehtieg isegwi.

"Min-naha taghha, ir-rikorrenti Marianne Hili tghid illi bil-fatt li ma tircievi xejn mill-pensjoni ta` zewgha, u qeghda ggarrab tnaqqis ta` 5% mill-pensjoni taghha minhabba li ghal xi zmien thallset nofs il-pensjoni tar-ragel kontra dak li jghid l-Art 91 tal-Kap 318 hija giet qeghda tbati minn nuqqas notevoli anke ghall-ghejxien taghha.

"Skond Abraham Zammit, li kien Direttur tal-Facilitajiet Korrettivi, il-prigunieri huma trattati bl-istess mod, irrispettivament minn jekk tkunx qeghda tinqatghalhom nofs il-pensjoni kontributorja jew jekk ma jkunux jippossjedu ebda fondi.

"Din il-Qorti tghid li abbazi tal-provi li tressqu, ma jirrizultax illi l-Art 91 tal-Kap 318 kif formulat u l-applikazzjoni tieghu fil-kaz tar-rikorrenti huwa lesiv ghad-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti bl-Art 36 tal-Kostituzzjoni u bl-Art 3 tal-Konvenzjoni.

"Kif josserva **Facett** f`pagna 42 tal-ktieb tieghu "**The Application of the European Convention on Human Rights**" - Edizzjoni 1987 –

*""Inhuman treatment would then be the deliberate infliction of physical or mental pain or suffering against the will of the victim and, when forming part of criminal punishment, out of proportion to the offence."*

"Kif josserva **<u>Sieghart</u>** f`pagna 167 tal-ktieb tieghu "**<u>The International Law of Human Rights</u>**" – Edizzjoni 1983 –

*""In Denmark et al v. Greece E.U.C.M (European Commission of Human Rights) stated that the notion of inhuman treatment covers at least such treatments as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which in the particular situation is unjustifiable …*

*"Treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of the term 'inhuman'. The assessment of the minimum is, in the nature of things, relative ; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (**<u>Ireland v. United Kingdom</u>**) (53-10-71) judgment, 2EHRR 25'. 5.10."*

"Dwar x`tifsira ghandha l-espressjoni *trattament inuman u degradanti* hemm l-insenjament tas-sentenza tal-Qorti ta` Strasbourg fil-kawza "**<u>Ireland v. United Kingdom</u>**" tat-18 ta` Jannar 1978 fejn inghad li jkun hemm *trattament inuman* meta jkun hemm "*the infliction of intense physical or mental suffering*" filwaqt li *trattament degradanti* jinkludi "*treatment designed to arouse in victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them and possibly breaking their physical or moral resistance*".

"Fl-hekk maghruf bhala "**<u>The Greek Case</u>"** il-Kummissjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet irrilevat li –

*""The notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable ... Treatment or punishment of an individual may be said to be degrading if it grossly humiliated him before others of derives him to act against his will or conscience*."

"It-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u jkun premeditat sabiex jikkaguna "intense physical and mental suffering" – (ara s-sentenza tad-9 ta` Gunju 1998 fil-kawza "**Tekin v. Turkey**").

"Ghar-rigward ta` trattament degradanti, generalment, dan jitqies li jirreferi ghal dak it-trattament li jgieghel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fizika u morali tal-vittma jew li jgieghel lill-vittma li tagixxi kontra l-volonta' taghha.

"Fil-kawza "**Peers vs Greece**", deciza fid-19 ta` April 2001, il-Qorti ta` Strasbourg qalet hekk –

*""The Court recalls that, according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum level of severity is relative ; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental affects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, among other authorities, Ireland v. the United Kingdom, judgement of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, 162). Furthermore, in considering whether a treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3 (see Ranninen v. Finland, judgement of 16 December 1997, Reports of Judgements and Decisions, 1997-VIII, pp. 2821-22, 55).*

*"In the light of the foregoing, the Court considers that in the present case there is no evidence that there was a positive intention of humiliating or debasing the applicant. However, the Court notes that, although the question whether the purpose of the treatment was to humiliate or debase the victim is a factor to be taken into account, the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a finding of violation of Article 3 (see V. v. The United Kingdom [GC], no. 24888/94, 71, ECHR 1999-IX)"."*

"Fid-decizjoni tal-11 ta` Dicembru 2003 fil-kawza "**Yancov v. Bulgaria**" il-Qorti ta` Strasbourg qalet hekk –

*""In considering whether treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the*

*person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. Even the absence of such a purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 (see, for example, Peers v. Greece, no. 28524/95, 74, ECHR 2001-III; and Kalashnikov v. Russia, no. 47095/99, 101, ECHR 2002-VI).*

*"Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, Ireland v. The United Kingdom, judgement of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, 162). The Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment. Measures depriving a person of his liberty may often involve such an element. The State must ensure that a person is detained in conditions which are compatible with respect for his human dignity, that the manner and method of the execution of the measure do not subject him to distress or hardship of an intensity exceeding the unvoidable level of suffering inherent in detention and that, given the practical demands of imprisonment, his health and well-being are adequately secured (Kudla v. Poland [GC], no. 30210/96, 93-94, ECHR 2000-XI)"."*

**"In vista tal-premess, il-Qorti qeghda <u>tichad</u> il-lanjanza tar-rikorrenti ghal allegat ksur tal-Art 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 3 tal-Konvenzjoni.**

**"Ikkunsidrat :**

**"VI. <u>L-Art 37 tal-Kostituzzjoni u l-Art 1 tal-Ewwel (1) Protokoll tal-Konvenzjoni</u>**

"Ir-rikorrenti jsostnu li fil-kaz taghhom l-Art 91 tal-Kap 318 huwa lesiv tal-jeddijiet taghhom kif imharsa bl-Art 37 tal-Kostituzzjoni u l-Art 1 tal-Ewwel (1) Protokoll tal-Konvenzjoni.

"L-**<u>Art 37 tal-Kostituzzjoni</u>** jaqra hekk –

*““(1) Ebda proprjetà ta’ kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b’mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta’ kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b’mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta’ liġi applikabbli għal dak it-teħid ta’ pussess jew akkwist - jittieħed pussess tagħha b’mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta’ kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b’mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta’ liġi applikabbli għal dak it-teħid ta’ pussess jew akkwist -*

*“(a) għall-ħlas ta’ kumpens xieraq ;*

*“(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta’ aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta’ kull kumpens li għalih tista’ tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta’ dak il-kumpens ; u*

*“(ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f’dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta’ appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f’Malta :*

*“Iżda f’każijiet speċjali l-Parlament jista’, jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b’liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b’mod obbligatorju ; u f’kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.*

***“(2) Ebda ħaġa f’dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta’ xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta’ pussess jew akkwist ta’ proprjetà -***

*“(a) bi ħlas ta’ xi taxxa, rata jew drittijiet ;*

***“(b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta’, ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta’ ħtija ta’ reat kriminali ;***

*“(ċ) wara l-attentat ta’ tneħħija tal-proprjetà barra minn jew ġewwa Malta bi ksur ta’ xi liġi ;*

"*(d) bħala teħid ta' kampjun għall-finijiet ta' xi liġi ;*

*"(e) meta l-proprjetà tikkonsisti f'annimal meta jiġi misjub f'art ħaddieħor jew mitluf ;*

*"(f) bħala inċidentali għal kirja, liċenza, privileġġ jew ipoteka, mortgage, dritt, bill of sale, pleġġ jew kuntratt ieħor ;*

*"(g) bħala l-għoti jew l-amministrazzjoni ta' proprjetà għan-nom u għab-benefiċċju tal-persuna ntitolata għall-interess benefiċjarju fiha, proprjetà fi trust, proprjetà tal-għadu jew il-proprjetà ta' persuni dikjarati falluti b'sentenza jew xort'oħra dikjarati falluti jew insolventi, persuni ta' moħħ marid, persuni mejta, jew għaqdiet korporati jew mhux korporati fil-kors ta' stralċ jew likwidazzjoni ;*

*"(h) fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati ;*

*"(i) minħabba li tkun fi stat perikoluż jew ta' ħsara għas-saħħa tan-nies, annimali jew pjanti ;*

*"(j) bħala konsegwenza ta' xi liġi dwar il-preskrizzjoni ta' azzjonijiet, preskrizzjoni akkwiżittiva, art abbandunata, teżor misjub, manumorta jew id-drittijiet ta' suċċessjoni kompetenti lill-Gvern ta' Malta ; jew*

*"(k) għal dak iż-żmien biss sakemm ikun meħtieġ għall-finijiet ta' xi eżami, investigazzjoni, kawża jew inkjesta jew, fil-każ ta' art, l-egħmil fuqha –*

*"(i) ta' xogħol ta' konservazzjoni ta' ħamrija jew il-konservazzjoni ta' risorsi naturali oħra ta' kull xorta jew ta' rikostruzzjoni ta' ħsara tal-gwerra ; jew*

*"(ii) ta' żvilupp jew titjib agrikolu li s-sid jew okkupant tal-art ikun ġie mitlub, u jkun mingħajr skuża raġonevoli u legali rrofta jew naqas li jagħmel.*

*"(3) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għall-għoti lill-Gvern tal-proprjetà ta' xi minerali, ilma jew antikitajiet ta' taħt l-art.*

*"(4) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi għat-teħid ta' pussess obbligatorju fl-interess pubbliku ta' xi proprjetà, jew l-akkwist obbligatorju fl-interess pubbliku u ta' xi interess fi jew dritt fuq proprjetà, meta dik il-proprjetà, interess jew dritt huwa miżmum minn għaqda korporata li hija mwaqqfa għal skopijiet pubbliċi minn xi liġi u li fiha ebda flejjes ma ġew investiti barra minn flejjes provduti minn xi leġislatura f'Malta.*

"**<u>L-Art 1 tal-Ewwel (1) Protokoll tal-Konvenzjoni</u>** jghid hekk -

*""Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.*

*"Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjetà skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."*

"Limitatament ghall-Art 37 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghad-deposizzjoni ta` Joseph Camilleri illi fiz-zmien meta xehed kien jokkupa l-kariga ta` Direttur Generali – Servizzi Socjali. Fix-xiehda tieghu, Joseph Camilleri mhux biss ghamel analizi ta` x`wassal biex sar l-Art 91 tal-Kap 318 kif inhu llum b`riferenza ghal-legislazzjoni precedenti, mhux biss dahal fl-isfond tal-hsieb socjali li wassal ghal-ligi kif inhi llum u l-ligijiet precedenti, izda dahal fl-amministrazzjoni tal-flus kolpiti bl-operat bl-Art 91 tal-Kap 318.

**"Il-Qorti hadet konsiderazzjoni ta` kull ma nghad fil-kawza tal-lum u tghid illi l-Art 91 tal-Kap 318 mhux lesiv tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni, in vista tas-subinciz 2(b) tal-istess Art 37.**

"Ghar-rigward tal-Art 1 tal-Ewwel (1) Protokoll tal-Konvenzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghal Pag 827-828 tal-ktieb ta` Karen Reid bl-isem "**A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights**" (OUP – Fourth Edition – 2012 – Sweet & Maxwell). L-awtrici tghid hekk:

*""There is no right as such that a State provide a particular type or amount of benefit. However despite early case-law distinctions between contributory and non-contributory benefits, the Court has now stated that, given the fact that may people in Contracting States are dependent, for at least part of their lives on benefits, and given the variety of funding methods, where a Contracting State has in force legislation providing for the payment as of right of a welfare benefit – whether conditional or not on the prior payment of contributions – that legislation must be regarded as generating a proprietory interest falling within the ambit of Art 1 of Protocol 1 for persons satisfying its requirements …*

*"Where the amount of a benefit is reduced or discontinued this appears to constitute an interference with possession that requires justification in the general interest and be duly proportionate, without imposing "an individual and excessive burden"*

"Taghmel riferenza ghal dak li kitbu Jacobs, White & Ovey fil-pag 483 – 484 ta` "**The European Convention on Human Rights**" (OUP – Fifth Edition – 2010) meta waqt li kienu qeghdin jikkummentaw dwar id-decizjoni tal-Grand Chamber tas-6 ta` Lulju 2005 fil-kaz "**Stec and others v United Kingdom**" qalu hekk –

*""The Grand Chamber lays down the new approach which is to be applied in furture cases, relying on an interpretation which renders the rights of the Convention practical and effective rather than theoretical and illusory. The Grand Chamber also referred to the court`s case- law under Article 6 which had brought disputes concerning all forms of social security within the scope of that article. The Court concluded that whenever persons can assert a right to a welfare benefit under national law Article 1 of Protocol 1 applies. The Court goes on to note that the bringing of social security fairly and squarely within the scope of Article 1 of Protocol 1 does not create any right to acquire property. However if a Contracting Party does create rights to social security benefits, the benefit schemes must be operated in a manner which is compatible with the prohibition of discrimination set out in Art 14."*

"Fil-fehma tal-Qorti, din id-dottrina (u ohra esposta minn awturi ohra li ssegwi l-istess linji) hija rilevanti ghaliex tinkwadra l-kwistjoni li l-Qorti ghandha quddiemha fil-kaz tal-lum fl-ambitu tal-Art 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

Hija pero` rilevanti wkoll ghaliex tippreciza fejn ma hemmx ksur ta` dik id-disposizzjoni u cioe` fejn l-element tal-proporzjonalita` u tal-interess generali huma tutelati.

“Ben meqjusa l-fattispeci tal-kaz tal-lum, il-Qorti ma ssibx li l-Art 91 tal-Kap 318 jikser il-protezzjoni li jahseb ghalih l-Art 1 tal-Ewwel Protokoll.

“Fil-kaz ta` Marianne Hili, ma tistax tinvoka ksur ghaliex fil-kaz taghha it-tnaqqis ta` 5% li qed isir mill-pensjoni ta` invalidita` taghha kien imputabbli ghall-fatt illi thallset nofs il-pensjoni tal-irtirar ta` zewgha meta ma kenitx intitolata tircievi skond l-Art 91 tal-Kap 318 propju ghax kienet tippercepixxi pensjoni ta` invalidita`.

“Fil-kaz ta` Paul Hili, il-kwistjoni hija aktar generali u tmur fil-fond tal-principju. Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li l-interess generali jirrikjedi mizura bhal dik rakkolta fl-Art 91 tal-Kap 318. Id-disposizzjoni kif mahsuba u mwettqa ma ggibx *excessive burden.* Fid-deposizzjoni tieghu, Joseph Camilleri fisser kif tahdem is-sistema tal-pensjonijiet u x`isir mill-flus li jigu sottratti skond l-Art 91.

“Fid-decizjoni taghha fil-kaz ta` “**Banfield v. United Kingdom**” tat-18 ta` Ottubru 2005, il-Qorti ta` Strasbourg iddikjarat bhala *mainfestly ill-founded* dak li fil-fatt irrizulta li kien ilment dwar *a partial forfeiture of a policeman`s pension for serious criminal misconduct.*

**“In vista tal-premess, il-Qorti qeghda tichad il-lanjanza tar-rikorrenti ghal allegat ksur tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 1 tal-Ewwel (1) Protokoll tal-Konvenzjoni.**

**“Ikkunsidrat :**

**“VII. L-Art 39(1) u (9) tal-Kostituzzjoni u l-Art 4 tas-Seba` (7) Protokoll tal-Konvenzjoni**

"Ir-rikorrenti jsostnu li fil-kaz taghhom l-Art 91 tal-Kap 318 huwa lesiv tal-jeddijiet taghhom kif imharsa bl-Art 39(1) u (9) tal-Kostituzzjoni u l-Art 4 tas-Seba` (7) Protokoll tal-Konvenzjoni.

"L-**Art 39(1) tal-Kostituzzjoni** jaqra hekk –

*""Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

**"Il-Qorti mhijiex tifhem ghaliex ir-rikorrenti jaghmlu riferenza ghall-Art 39(1) tal-Kostituzzjoni ghaliex imkien fil-procediment tal-lum ma tressqet xi sembjanza ta` prova li fil-proceduri kriminali li ghalqu bis-sentenza tad-19 ta` Gunju 2008 fil-kundanna tar-rikorrent Paul Hili ghal sentenza ta` tnax-il sena prigunerija kien hemm lezjoni ta` xi natura tal-Art 39(1) tal-Kostituzzjoni.**

**"Ghalhekk qeghda tigi respinta l-lanjanza tar-rikorrenti hekk kif fondata fuq l-Art 39(1) tal-Kostituzzjoni.**

"Ir-rikorrenti jirreferu wkoll ghall-**Art 39(9) tal-Kostituzzjoni** li jaqra hekk:

*""Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat :*

*"Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja."*

"Din id-disposizzjoni ssostni l-principju ta` **nec bis in idem**.

"**L-Art 4 tas-Seba` Protokoll tal-Konvenzjoni** jghid hekk:

*""(1) Hadd ma jista' jkun ipprocessat jew jerga` jigi kkastigat ghal darb'ohra fi procedimenti kriminali that il-gurisdizzjoni ta' l-Istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun diga` gie finalment liberat jew misjub hati skond il-ligi u l-procedura penali ta' dak l-Istat.*

*"(2) Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu precedenti ma ghandhomx izommu milli l-kaz jerga' jinfeta skond il-ligi u l-procedura penali ta' l-Istat in kwistjoni, jekk ikun hemm provi ta' xi fatti godda jew li jkunu ghadhom kif gew zvelati, jew inkella jekk ikun hemm xi vizzju fondamentali fil-procvedimenti ta' qabel, li jista' jkollhom effett fuq kif jizvolgi l-kaz.*

*"(3) Ebda deroga minn dan l-artikolu ma ghandha ssir that l-artikolu 15 tal-Konvenzjoni."*

"Anke mix-xiehda tal-istess Paul Hili, huwa evidenti li huwa wasal biex ighid illi l-Art 91 tal-Kap 318 jilledi l-jeddijiet tieghu skond dawn id-disposizzjonijiet ghaliex fehem illi bil-fatt li kien ipprivat mill-pensjoni ghal matul il-perijodu kollu li fih kien ser jibqa` prigunier kien ifisser ghalih illi kien se jkun kastigat darbtejn.

**"Il-Qorti tifhem dak li ried ifisser Paul Hili. Fl-istess waqt pero` huwa evidenti minn qari tad-disposizzjonijiet in kwistjoni illi l-kontenut taghhom ma jistghux jaghtuh sostenn ghaliex l-iskwalifika tal-pensjoni skond kif jipprovdi l-Art 91 mhijiex tal-istess natura u lanqas ma tikkwalifika bhala process kriminali gdid kontrih ghall-istess reati li taghhom diga` kien misjub hati u kastigat.**

"Karen Reid fil-ktieb '**A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights**' (op. cit. pg 108 et seq) tghid hekk –

*““The principle of double jeopardy or non bis in idem which prohibts that a person be tried twice for the same offence is not expressly contained in the Convention itself but is subject to specific provision in Art.4 of Protocol No.7 which only came into force relatively recently for a number of Contracting States.*

“…

*“The authorities must strike a balance between the interests of the acquitted individual and the effectiveness of the criminal justice system …*

*“No one shall be liable to be tried or punished in criminal proceedings for which he has already been finally acquitted or convicted …*

*“In <u>Gradinger vs Austria</u>, the applicant who killed a cyclist while driving, was convicted of causing death by negligence rather than the more serious crime of being under influence of alcohol since his level was below the prescribed limit. The administrative authorities proceeded to fine him for driving under the influence of drink on the basis of a medical report which deduced that in fact he was over the limit. Since both decisions were based on the same conduct, there was a violation of Art.4 of Protocol No.7.”*

“Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn, Zwaak fil-ktieb ‘**<u>Theory and Practice of the European Convention on Human Rights</u>**’ (Fourth Edition – Intersentia - Pag.979-983) ighidu hekk dwar l-Art.4 tas-Seba` Protocol -

*““The principle that nobody may be tried or punished again is limited to ‘criminal proceedings’.*

*“The notion of ‘criminal’ in Article 4 of Protocol No.7 is identical to the term ‘criminal’ in Article 6 of the Convention.*

*“The ‘ne bis in idem’ principle is only applicable if the conviction or acquittal has become final.*

*“A decision is to be considered final if, according to the traditional expression, it has acquired the force of res judicata. This is the case when it is irrevocable, that is to say when ‘no further ordinary remedies are available or when the parties*

*have exhausted such remedies or have permitted the time-limit to expire without availing themselves of them.*

*"In the Franz Fischer case, the Court considered that Article 4 of Protocol No.7 is not confined to the right not to be punished twice but extends to the right not to be tried twice."*

"Fis-sentenza taghha tat-28 ta` Frar 2007 fil-kawza "**Fl-atti tar-riferenza tal-24 ta' Novembru, 2006, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.) fl-atti tal-kawża fl-ismijiet : Il-Pulizija (Spettur Joseph Cordina) vs John Micallef"**, din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef J. R. Micallef qalet hekk -

*""Illi l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li l-ebda persuna li tkun għaddiet minn procediment quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali (sew jekk tkun inħelset mill-akkuża u sew jekk tkun instabet ħatja) ma tista' terga' titressaq mixlija fi proceduri oħrajn dwar dak ir-reat jew xi reat ieħor li għalih setgħet instabet ħatja fl-ewwel procediment, għajr fuq ordni ta' Qorti ogħla mogħti matul il-kors ta' appell jew procedura ta' reviżjoni tal-ewwel process. L-istess artikolu jrid ukoll li ħadd ma jitressaq mixli dwar reat kriminali li tiegħu dik il-persuna tkun diga' ngħatat maħfra. Tali prineipju jsib ix-xbieha tiegħu ukoll fil-Kodici Kriminali, fil-każ fejn persuna mixlija tinħeles mill-akkużi mressqin kontriha (Art. 527 tal-Kap 9).*

*"Illi l-imsemmi sub-artikolu (9), jagħmel parti minn dak l-artikolu tal-Kostituzzjoni li jħares id-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi mogħti lil kull persuna akkużata b'reat ;*

*"Illi huwa wkoll stabilit li l-prineipju tan-ne bis in idem imħares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun għaddiet minn process dwar reat, m` għandha qatt terga` tgħaddi minn process ieħor dwar tali reat jew dwar reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom f'dak l-ewwel process (ara – Kollez.. Vol. LXXXIII.i.213) …*

*"Illi jidher f'dan ir-rigward li għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(9) jixxiebhu ma' dawk tal-artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni f'dak li huwa l-qofol tal-principju maħsub, bl-ebda mod ma jista' jsir tqabbil tagħhom fuq il-livell ta' applikazzjoni jew tifsir (ara – sentenza – Qorti Kostituzzjonali – 20 ta` Novembru 2000 - Spiteri vs Avukat Generali). Għalhekk, meta wieħed iqis il-*

*principju tan-ne bis in idem għall-finijiet ta' jeddijiet fondamentali tal-bniedem, wieħed irid iżomm sewwa quddiem għajnejh id-differenza bejn il-livell kostituzzjonali u dak konvenzjonali ;*

*"Illi, kif ingħad, dan is-sub-artikolu fil-Kostituzzjoni jagħti ħarsien usa' lill-persuna mixlija minn dak mogħti mill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, sewwasew għaliex jgħolli għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova l-eccezzjoni tan-ne bis in idem għal-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali għandha l-jedd tirrikorri għall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali. Iżda dak l-artikolu huwa marbut b'eccezzjoni li ma tinsabx fid-dispożizzjoni korrispondenti tal-Konvenzjoni ;*

*"Illi għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-principju tan-ne bis in idem taht il-Konvenzjoni, jieħu xejra xi ftit differenti minn dak li japplika taħt il-Kostituzzjoni. Il-Qorti diga` accennat għal dan aktar qabel, u l-istess ħaga tennew il-Qrati tagħna wkoll f'xi każijiet li kienu jmissu din il-kwestjoni …*

*"il-principju tan-ne bis in idem (magħruf ukoll bħala r-"rule against double jeopardy"), li huwa meqjus bħala element ewlieni biex jigi assikurat smigħ xieraq lil persuna u li jagħmel parti sħiħa mill-assjem ta' garanziji li jobbliga lill-Istat li jiggarantixxi lil kull persuna mixlija b'reat li ma jinkisrulhiex il-jeddijiet mogħtijin lilha taħt dak id-dritt. Iżda, fl-istess waqt, wieħed m'għandux iħawwad il-jedd tan-ne bis in idem mal-jedd ta' smigħ xieraq daqslikieku kienu l-istess ħaga …*

*"Jidher li, għall-finijiet tal-Konvenzjoni, deciżjoni titqies bħala gudikat meta tkun irrevokabbli u meta ma jkun għad fadal l-ebda rimedju ieħor disponibbli għall-partijiet li jista' jibdel dik id-decizjoni (ara t-tifsira mogħtija fit-Tielet Skeda mehmuża mal-Att XIV tal-1987 li hija silta mir-Rapport Spjegattiv għas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, par. 22) ;*

*"Illi l-principju tan-ne bis in idem jimplika tabilfors li tkun teżisti sentenza jew deciżjoni li tiswa (għalkemm mhux bilfors tkun waħda li fiha l-akkużat ikun instab ħati) bħala ostaklu għal procedura dwar l-istess reat warajha …*

"Dwar l-isfera ta` applikazzjoni tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll, il-Qorti identifikat dawn l-elementi biex jista` jinghad li tali jedd ikun inkiser :

*""(i) teħid ta' proceduri jew l-għoti ta' piena mill-gdid ; (ii) fi prodediment kriminali ; (iii) għal reat li dwaru tkun diga' ngħatat deeiżjoni finali ; (iv) fl-istess gurisdizzjoni ; u (v) skond il-ligi u l-procedura ta' dak il-pajjiż. L-għan ewlieni ta' dan l-artikolu*

*huwa għalhekk dak li jżomm milli ssir ripetizzjoni fl-istess Stat ta' proceduri kriminali li jkunu ntemmu qabel b'deċiżjoni finali (ara – Gradinger vs Austria – op. cit.) ;*

*"Illi ta' min iżomm quddiem għajnejh li l-kliem tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll jirreferi għal proeess jew kastig "għaldarboħra" ta' persuna għal reat li dwaru tkun diga' giet kundannata jew meħlusa b'sentenza li tkun finali : l-artikolu ma jirreferix għall-"istess reat". Jidher għalhekk li l-mira ewlenija tal-imsemmi artikolu hija dik li persuna ma tigix processata iżjed minn darba għall-istess fatt u mhux biss li ma tigix kastigata iżjed minn darba għalih. Lanqas jidher li dak l-artikolu jagħmel distinzjoni dwar jekk il-procedimenti dwar persuna għal reat ikunu ttieħdu quddiem l-istess qorti jew inkella jkunux saru quddiem qrati differenti ;*

*"Illi kemm hu hekk, gie mfisser ukoll li "the question whether or not the non bis in idem principle is violated concerns the relationship between the two offences at issue and can, therefore, not depend on the order in which the respective proceedings are conducted" (ara - Fischer vs Austria - 29.05.2001 - Applik. Nru. 37950/97 - par.29) ;*

*"Għalhekk, "while it is true that the mere fact that a single act constitutes more than one offence is not contrary to this Article, the Court must not limit itself to finding that an applicant was, on the basis of one act, tried and punished for nominally different offences ... Thus, where different offences based on one act are prosecuted consecutively, one after the final decision of the other, the Court has to examine whether or not such offences have the same essential elements" (ara - Ponsetti and Chesnel vs France - 14.9.1999 - Applik. Nru. 36855/97) ;*

*"Illi minn dak li joħrog minn dawn id-deliberazzjonijiet tal-Qorti Ewropeja wieħed jislet il-fehma li dak li huwa essenzjali għad-determinazzjoni ta' jekk it-"tieni"procediment jiksirx ir-regola tan-ne bis in idem hu jekk ir-reat li bih il-persuna tigi mixlija jikkostitwix għemil bl-istess elementi tar-reat li dwaru dik il-persuna kienet diga' nstabet ħatja. Jekk l-elementi jirriżultaw l-istess jew jirkbu fuq xulxin, allura t-tendenza hija li jkun hemm ksur tal-principju tan-ne bis in idem. Min-naħa l-oħra, jekk l-ghemil wieħed jagħti lok għal iżjed minn reat punibbli wieħed, it-teħid ta' iżjed minn procedura waħda fil-gurisdizzjoni tal-istess Stat dwar kull reat ma jiksirx dik ir-regola (ara - Goktan vs France -2.7.2002 - Applik.Nru. 33402/96 - par. 44, 52)"*

**"In vista tal-premess, il-Qorti qeghda <u>tichad</u> il-lanjanza tar-rikorrenti <u>anke</u> ghal allegat ksur tal-Art 39(9) tal-Kostituzzjoni u tal-Art 4 tas-Seba` (7) Protokoll tal-Konvenzjoni.**

**"Ikkunsidrat :**

**"VIII. <u>L-Art 6(1) tal-Konvenzjoni</u>**

"Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll minn ksur tal-Art 6(1) tal-Konvenzjoni li jaqra hekk –

> *""Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f 'socjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippreudika l-interessi tal-gustizzja."*

"L-awturi Harris, O`Boyle & Warbrick tal-ktieb **<u>"Law of the European Convention on Human Rights</u>**" (Second Edition – 2009 – Oxford – pag 201) ighidu hekk:

> *""The Court* (b`riferenza ghall-Qorti ta` Strasbourg) *has stressed that "the right to a fair trial holds so prominent a place in a democratic society that there can be no justification for interpreting Article 6(1) of the Convention restrictively*" (*Perez v France – 2004-I ; 40 EHRR 909 para 64 GC*).

"Ikomplu hekk fil-pagna 202 –

> *""The Court also allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate … A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations of results as of conduct, **<u>with national courts being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial</u>**."* (enfasi ta` din il-Qorti)

"Izjed fil-pagna 204 –

> ***"In some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of <u>"actual prejudice"</u> to the applicant.***"
> (enfasi ta` din il-Qorti)

"Fil-pagna 224 jinghad –

> *""Article 6 does not control the content of a state`s national law ; it is only a procedural guarantee of a right to a fair hearing in the determination of whatever legal rights and obligations a state chooses to provide in its law."*

"Imbaghad aktar lura fil-pagna 251 –

> *""The right to a fair hearing supposes compliance with the principle of equality of arms. This principle, which applies to civil as well as criminal proceedings, requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent. In general terms, the principle incorporates the idea of a fair balance between the parties*."

"L-awturi Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn, Leo Zwaak fil-ktieb **<u>"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights</u>"** (op. cit.) jaghmlu din l-analizi :

"Fil-pagna 578 –

> *""When is a hearing fair ? In the Kraska case* (sentenza tad-19 ta` April 1993) *the Court took as a starting-point that the purpose of Article 6 is inter alia "to place the tribunal under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision."*

"Fil-kaz tal-lum, irrizulta illi r-rikorrenti kkontestaw id-decizjoni li ha d-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali skond l-Art 91 tal-Kap 318 quddiem l-Arbitru skond il-ligi. Il-Qorti m`ghandhiex prova li ta` xi rrizulta minn dak il-procediment. Fl-istess waqt minn imkien ma rrizulta ppruvat illi r-rikorrenti kienu pprivati mid-dritt taghhom ghal smigh xieraq.

**"In vista tal-premess, il-Qorti qeghda <u>tichad</u> il-lanjanza tar-rikorrenti <u>anke</u> ghal allegat ksur tal-Art 6(1) tal-Konvenzjoni.**

**"Ikkunsidrat :**

**"IX. <u>L-Art 14 tal-Konvenzjoni</u>**

"Id-disposizzjoni citata mir-rikorrenti taqra hekk –

*““It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f ’din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma’ minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status iehor.”*

**“Ir-rikorrenti jikkontendu li l-Art 91 tal-Kap 318 <u>jiddiskrimina</u> kontra taghhom ghaliex ir-rikorrent Paul Hili huwa “<u>prigunier</u>”.**

**“Il-Qorti <u>ma tistax tikkondividi</u> l-fehma tar-rikorrenti propju ghaliex persuna li tkun qeghda tiskonta, b`mod legittimu u skont il-ligi, sentenza definittiva ta` prigunerija ma tassumix *status.* Il-kastig tal-habsi ma jaghtix *status* izda jippriva skond kif determinat fis-sentenza minn drittijiet stabbiliti mil-ligi ewlieni fosthom id-dritt ghal-liberta`. Fl-istess waqt il-karcerazzjoni ma tibdel xejn mill-i*status* ta` persuna. Kwindi – fil-fehma tal-Qorti – ma tinsorgi l-ebda kwistjoni ta` diskriminazzjoni fil-parametri delineati mir-rikorrenti stess bl-azzjoni taghhom tal-lum.**

**“In vista tal-premess, il-Qorti qeghda <u>tichad</u> il-lanjanza tar-rikorrenti <u>anke</u> ghal allegat ksur tal-Art 14 tal-Konvenzjoni.”**

## <u>L-Appell</u>

**5.** Dan hu bazat fuq hames aggravji: [1] li l-Artikolu 91 tal-Kap. 318 jilledi d-dritt ghall-proprjeta` skont l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni; [2] li l-applikazzjoni tal-imsemmi artikolu fil-konfront tar-rikorrenti hija leziva tad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq protett bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni; [3] li l-Artikolu 91 huwa leziv tal-Artikolu 39[9] tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tas-Seba’

Protokoll tal-Konvenzjoni; [4] li l-applikazzjoni tieghu fil-konfront tar-rikorrenti jilledi d-dritt fundamentali taghhom protett bl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni; [5] li l-istess artikolu huwa leziv tad-dritt ghall-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni a tenur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

*L-ewwel aggravju*

**6.** Dan hu dirett lejn dik il-parti tad-decizjoni fejn l-ewwel Qorti ma sabitx ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, inkwantu dik il-Qorti qalet li *"l-interess generali jirrikjedi mizura bhal dik rakkolta fl-Art.91 tal-Kap.318"* u li *"id-dispozizzjoni kif mahsuba u mwettqa ma ggibx excessive burden".*

**7.** Fir-rigward tal-interess generali r-rikorrenti jsostnu li dan jinsab salvagwardjat bil-fatt li r-rikorrent li nstab hati ta' reat qieghed jiskonta piena ta' prigunerija. M'hemmx interess generali ahjar minn dak provdut mill-piena moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Mhux validu l-argument illi ghaliex wiehed qieghed il-habs, u l-habs qed jaghmel spejjez sabiex imantnieh, ghandha titnaqqaslu l-pensjoni bin-nofs. Ir-rikorrenti jkomplu jsostnu dan il-punt billi jaghmlu paragun ma' prigunier li ma jihux pensjoni u anke mal-kaz fejn wiehed jaghmel operazzjoni minghajr hlas fl-isptar tal-Gvern.

**8.** Ir-rikorrenti jenfasizzaw il-fatt li f'dan il-kaz il-pensjoni li huma gew imcahhda minnha hija ta' natura kontributorja li jfisser li r-rikorrent kien ikontribwixxa ghaliha bis-shih sabiex tifforma din il-pensjoni u hareg kull darba l-flus mill-paga tieghu sabiex jahseb ghaliha. F'dan ir-rigward huma jaghmlu referena ghall-kaz ta' **Banfield v. United Kindgom** tal-Qorti Ewropeja citat mill-ewwel Qorti, fejn l-applikant f'dak il-kaz kien gie mcahhad mill-awtoritajiet Inglizi mill-pensjoni non kontributorja, filwaqt li ma kien hemm ebda vertenza, la quddiem il-qrati Inglizi u lanqas quddiem il-Qorti Ewropeja dwar il-pensjoni kontributorja mhallsa minnu.

**9.** Huma jaghmlu referenza wkoll ghal kaz ta' **Azinas v. Cyprus** fejn l-applikant, wara li kien skonta piena ta' prigunerija ghar-reat ta' mizapproprijazzjoni ta' fondi pubblici, gie mnehhi lilu kull dritt li jkollu pensjoni. F'dan il-kaz il-Qorti Ewropeja qalet li l-applikant kien diga` skonta s-sentenza tal-habs, u li d-decizjoni li ccahdu mill-pensjoni kienet ha thalli lilu u lil familtu minghajr flus. Minhabba dawn il-konsegwenzi horox, il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni ill b'dan il-mod ma gie milhuq l-ebda bilanc bejn l-interessi tal-individwu u l-interessi tal-pubbliku.

**10.** Fil-kaz tar-rikorrenti Marianne Hili jghidu li din giet kastigata wkoll ghar-reat imwettaq minn zewgha, ghax li kieku ma tnehhietx il-pensjoni ta' zewgha li ghaliha l-konjugi Hili kienu kkontribwew bil-flus tal-komunjoni tal-akkwisti, hi

tgawdi mill-pensjoni kontributorja dovuta lil zewgha flimkien mal-pensjoni tal-invalidita` li hi qed tircievi *"bi dritt taghha stess ".* Izda skont l-Artikolu 91 ladarba din ir-rikorrenti qed tircievi pensjoni, allura lanqas ghal dak in-nofs ma hi intitolata. B'hekk, jghidu r-rikorrenti s-sitwazzjoni *"qieghda tohloq ingustizzja kbira fil-konfront taghha peress li hi m'ghandhiex tbati ebda konsegwenzi dervianti mill-atti li wettaq zewgha, u li ghalihom qieghed jiskonta l-piena inflitta fuqhu.".* Jghidu li ghalhekk ir-rikorrenti Marianne Hili *"qalghet kastig tlett darbiet, ghaliex apparti li sofriet mill-inkarcerament ta' zewgha, u t-tnaqqis ta' nofs il-pensjoni, hi qieghda ghal darb'ohra tissokkombi ghad-dekadenza anke ta' nofs dik il-pensjoni."*

**11.** Min-naha taghhom l-intimati laqghu ghal dan l-aggravju bis-segwenti.

**12.** Dawn jibdew billi jaghmlu referenza ghax-xhieda li ta Joseph Camilleri fid-29 ta' Novembru 2012 meta allura kien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali fi hdan id-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali fejn kien ilu jahdem mill-1977.

**13.** Dan ix-xhud, wara li spjega li l-ligi Maltija in materja hija bazata fuq id-dritt Ingliz, spjega li l-Artikolu 91 [gja` l-Artikolu 33] kien ilu jezisti mill-

introduzzjoni tal-Att Dwar is-Sigurta` Socjali fis-sena 1956[1]. Sa minn dak iz-zmien persuna li kienet qed tiskonta piena ta' prigunerija ma kinitx tibqa' kwalifikata ghal beneficji socjali. Izda f'dak iz-zmien jekk dik il-persuna tkun mizzewwga l-konjugi taghha kellu japplika ghall-ghajnuna socjali, li kienet skema ohra tas-sigurta` nazzjonali, u din l-ghajnuna kienet *"means-tested"* jigifieri kienet tinghata jekk jirrizulta li l-konjugi ma kellu ebda dhul iehor.

**14.** Sussegwentement dan l-artikolu kien gie emendat fis-sena 1986[2] u ddahhal proviso gdid fis-sens li inghata lil mara mizzewwga ragel li qed jistkonta piena ta' habs id-dritt li din tippercepixxi nofs il-pensjoni li ghaliha kien intitolat zewgha kieku dan ma kienx il-habs *"dejjem sakemm hija ma jkollhiex dritt iehor ghal pensjoni ghaliha nnifisha taht dan l-Att jew ikollha impieg assigurabbli, jew li taghmel xoghol ta' qliegh bhala persuna li timpjega lilha nnifisha."*[3] L-iskop ta' din l-emenda kien li l-mara ta' ragel issentenzjat ma kienx ikollha ghalfejn tirrikori ghall-ghajnuna socjali, izda jekk nofs il-pensjoni ma kienx bizzejjed hija kellha d-dritt li tirrikorri ghal ghajnuna socjali ghal awment bil-kondizzjoni li allura tigi *means tested*.

[1] Att VI
[2] Att XXX
[3] Art.9 tal-Att XXX/1986

**15.** Sussegwentement gie introdott l-Att X fis-sena 1987 li prattikament ghaqqad f'ligi wahda z-zewg skemi dik tan-*national insurance* u dik tal-ghajnuna socjali.

**16.** Ix-xhud jkompli jispjega:

> "Imbaghad gie zviluppat il-kuncett li hemm is-sigura' nazzjonali li bniedem jibda jhallas kontribuzzjoni biex hu meta jasal ghal bzonn hu qed ihallas il-kontribuzzjoni llum ghalhekk qed nghid kif semmejt l-ewwel *pay as you earn*… … … il-pensjoni *per se* hija biex tipprovdi ghan-nuqqas ta' flus li inti qed ikollok ghax you have become *pensioned off* … u allura ghandhek bzonn il-flus biex inti tkompli tghix biex tiekol u fejn tghix …. Ir-raguni kienet li inti l-pajjiz johloq skema fejn persuni m' ghandhomx dhul jigifieri ma jistghux jipprovedu ghalihom innifishom huma jkunu koperti bi skema nazzjonali u li tohrog mhux necessarjament minn xi haga li investejt jien imma mit-taxxi tal-pajjiz."

**17.** Ix-xhud ikompli jispjega:

> "…. Jiena jista' jkolli ninsa' l-fatt ta' prigunerija, jien jista' jkolli bniedem li ghamel hajtu kollha jahdem u jhallas il-kontribuzzjoni u bniedem iehor li ghamel hajtu ma jhallas xejn, il-ligi ta' pajjizna ghandek zewg skemi illum qeghda f' ligi wahda fejn qed tipprovdi lil wiehed taghtih il-pensjoni skond il-hlas tal-kontrobuzzjonijiet tieghu, u l-iehor skond il-mezzi…."

**18.** Ikompli jispjega li l-flus tal-kontribuzzjonijiet ma jmorrux f'xi kont ta' min qed ihallas imma dawn il-kontribuzzjonijiet jmorru fil-Fond Konsolidat biex jithallsu l-beneficji socjali tal-lum *"ovvjament bit-tama li meta nasal jien ikun*

*hemm min qed jikkontribwixxi biex imbaghad jien niehu il-beneficji socjali."* Jghid ukoll li *"l-iskema kontributorja hija mandatorja ghal min qed jahdem."*

**19.** L-intimati jishqu fuq il-fatt li l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Socjali mhumiex xi polza privata ta' assigurazzjoni jew xi *private pension scheme* izda jithallsu sabiex imorru ghal min ghandu bzonn il-beneficji socjali <u>llum</u> u mhux bhala investiment privat. Huma jiccitaw dak li qalet il-Qorti Ewropeja fil-kaz **Carson and Others v. The United Kingdom** [Appl.42184/05 [GC], deciz fis-16 Marzu 2010, u cioe`:

> *"National insurance contributions have no exclusive link to retirement pensions. Instead, they form a source of part of the revenue which pays for a whole range of social security benefits, including incapacity benefits, maternity allowances, widows benefits, bereavement benefits and the National Health Service." [para.83]*

**20.** L-intimati jsostnu li, tenut kont tal-premess, ir-rikorrenti ma jistghux jivvantaw aspettattiva legittima li *"jkunu xi jkunu c-cirkostanzi kien se jithallas il-pensjoni kontributorja u dan specjalment in vista tal-fatt li aspettattiva li tmur kontra dispozizzjoni specifika fil-ligi ma tista' qatt tkun wahda legittima"*. Huma jiccitaw kazistika Ewropeja[4] u dik lokali[5] fis-sens li meta persuna tkun ikkontribwiet ghas-sistema ta' sigurta` nazzjonali, b'daqshekk ma hemmx dritt

---

[4] QEDB **Asmundsson v. Iceland**, deciz 12 Ottubru 2004.
[5] Q.Kos.**Dr.Joseph Brincat noe v. Direttur tas-Sigurta' Socjali et**, deciz 12 Jannar 2007

ghal xi ammont partikolari ta' pensjoni. Huma jiccitaw ukoll lill-awtrici Karen Reid fejn qalet:

> *"A wide margin applies however to States regulating their social policy. This can include measures reducing pensions in pursuit of social justice or re-integration into the general system of previously privileged groups."*[6]

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**21.** Din il-Qorti tibda biex tosserva li, fid-dawl tal-kazistika ricenti tal-Qorti Ewropeja[7] dwar id-dritt li wiehed jippercepixxi beneficcju socjali li jkun ikkontribwixxa ghalih, ma jistax jigi validament sostnut li, ghax il-kontribuzzjonijiet imhallsa minn min jahdem imorru gol-Fond Konsolidat sabiex jithallsu l-beneficji socjali dovuti f'dak iz-zmien, allura ma jezistix da parti ta' min hallas il-kontribuzzjonijiet interess patrimonjali imhares bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Ghax ghalkemm huwa minnu li l-ammont dovut bhala pensjoni ma jigix komputat b'mod li necessarjament jekwivali ghall-ammont totali mhallas bhala kontribuzzjonijiet, izda xorta wahda l-kontribwent ghandu aspettattiva legittima li meta hu jirtira hu wkoll jibbenefika mill-beneficji socjali skont il-ligi vigenti fid-data tal-irtirar. Dan hu bazat fuq il-kuncett li l-obbligu tal-hlas tal-kontribuzzjonijiet ghal min jahdem bi qligh huwa mizura bazata fuq is-solidarjeta` socjali, u hi intiza wkoll sabiex il-flus imhallsa f'dak iz-zmien

---

[6] A Practioner's Guide to the European Convention on Human Rights, [2004] pga.412
[7] Karen Reid [supra] – bran citat mill-ewwel Qorti pga.18 tas-sentenza

issostni lil dawk li ma jkollhomx introjtu jew ma jkollhomx introjtu adegwat ghal-ghejxien taghhom.

**22.** Dan isib konfort fix-xhieda tal-imsemmi George Cremona fejn spjega li fil-komputazzjoni tal-pensjoni r-rata ta' pensjoni tkun relatata mal-kontribuzzjonijiet imhallsa. Fil-kaz tar-rikorrent, din ir-rata skont l-Artikolu 53 u l-Artikolu 1 tat-tlettax-il skeda tal-Att dwar is-Sigurta` Socjali harget rata ta' mitejn u seba' Euros u erbgha u erbghin centezmi (€207.44) fil-gimgha *"ovvjament wara li niehdu d-dhul pensjonabbli tal-ahjar tliet snin mill-ahhar ghaxra u l-kontribuzzjoni tas-Sigurta` Socjali li jkun hallas."*[8]

**23.** Fl-ewwel lok hija opportuna l-osservazzjoni li ghamlet il-Qorti Ewropeja fil-kaz **Carson and others v. The United Kingdom**[9]:

> *"A wide margin is usually allowed to the State under the Convention nwhen it comes to general measures of economic or social strategy. Because of their direct knowledge of their society and its needs, the national authorities are in principle better placed than the international judge to appreciate what is in the public interest on social or economic grounds, and the Court will generally respect the legislature's polic choice unless it is 'manifestly withou reasonable foundantion' [see Stec and Others v The United Kingdom [GC], no 65731/01 and 65900/01, para 52 ECHR 2006 – VI]"*

[8] Fol.45
[9] GC Appl.42184/05, deciza 16 ta' Marzu 2010 – para 61

**24.** Fuq livell aktar specifiku ghal kaz in dizamina, huwa relevanti dak osservat mill-Qorti Ewropeja fil-kaz **Azinas v. Cyprus**, fejn dik il-Qorti filwaqt li osservat li d-dritt ghal pensjoni m'huwiex garantit bil-Konvenzjoni, tghid:

> *"However, the Court also reiterates that, according to the case-law of the Convention institutions, the right to a pension which is based on employment can in certain circumstances be assimilated to a property right. This may be the case where special contributions have been paid: in its judgment in the case of Gaygusuz v Austria [16 September 1996…..] the Court held that entitlement to a social benefit is linked to the payment of contributions, and when such contributions have been made, an award cannot be denied to the person concerned." [para.32-33]*

**25.** Hija wkoll relevanti l-osservazzjoni maghmula mill-Qorti Ewropeja fil-kaz **Kjartan Asmundsson v. Iceland**[10] deciz fit-12 ta' Ottubru 2004 li:

> *"According to the Convention institutions' case-law, the making of contributions to a pension fund may, in certain circumstances, create a property right and such a right may be affected by the manner in which the fund is distributed (see Bellet, Huertas and Vialatte v. France (dec.), nos. 40832/98, 40833/98 and 40906/98, 27 April 1999; and Skorkiewicz v. Poland (dec.) no. 39860/98). Moreover, the rights stemming from payment of contributions to social insurance systems are pecuniary rights for the purposes of Article 1 of Protocol No. 1 to Convention (see Gaygusuz v. Austria, judgment of 16 September 1996, Reports of Judgments and Decisions 1997, p. 1142, §§ 39-41). However, even assuming that Article 1 of Protocol No. 1 guarantees benefits to persons who have contributed to a social insurance system, it cannot be interpreted as entitling that person to a pension of a particular amount (see Müller v. Austria, no. 5849/72, Commission's report of 1 October 1975, Decisions and Reports (D.R.). 3, p. 25; and the above-mentioned Skorkiewicz v. Poland decision)…"*

[10] Citat b'approvazzjoni fil-kaz Q.Kos. **Av.Dr. Joseph Brincat noe v. Direttur tas-Sigurta' Socjali et** [supra]

**26.** Fid-dawl tal-premess, ghandu jirrizulta car li kemm skont il-ligi Maltija kif ukoll skont il-kazistika tal-Qorti Ewropeja l-pensjoni kontributorja tidhol fid-defenizzjoni ta' "possediment" fit-termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u ghalhekk kellha ragun l-ewwel Qorti li tikkunsidra l-kaz odjern taht dan l-artikolu konvenzjonali, u konsegwentement ghaddiet biex tezamina l-fatti tal-kaz fid-dawl tal-fatturi tal-interess generali u tal-proporzjonalita`.

**27.** Rigward il-fattur tal-interess generali, din il-Qorti tosserva li ma taqbilx mas-sottomissjoni tar-rikorrenti li dan l-interess jinsab salvagwardat <u>biss</u> bil-fatt li r-rikorrenti kien qed jiskonta l-piena ta' prigunerija ghar-reat li kien ghamel. Huwa minnu li dan il-fatt jissalvagwardja l-ordni pubbliku, izda mill-banda l-ohra ma jaghmilx tajjeb ghat-telf finanzjarju li l-Istat necessarjament inkorra sabiex ezegwixxa l-piena karcerarja. Dan il-finanzjament sar mill-erarju pubbliku u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun meta osservat li f'dan il-kaz l-interess generali ghandu jipprevali fuq dak tar-rikorrent, stante li, jargumenta kemm jargumenta r-rikorrent sabiex jipprova jsostni t-tezi tieghu, il-fatt hu li z-zamma tal-pensjoni tieghu hija marbuta skont il-ligi mal-fatt li hu qed jiskonta piena ta' prigunerija u li dan l-istat ta' fatt qed jigi finanzjarament sostnut mill-introjtu tal-Istat.

**28.** Ir-rikorrenti jargumentaw illi kieku z-zamma tal-pensjoni hija marbuta mal-ispejjez li jaghmel l-Istat biex imantnih gewwa l-habs, kieku bl-istess

argument, prigunier li ma jiehux pensjoni kien ikollu jaghmel certu zmien jahdem b'xejn lill-Gvern wara li jiskonta l-piena biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez li l-Gvern ikun ghamel sakemm zammu l-habs: haga li ma tigrix.

**29.** Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok ghax il-bazi tas-sistema li thaddem il-beneficji u l-assistenza socjali hu l-fatt li min jahdem u jiggenera introjtu ghandu jhallas il-kontribuzzjonijiet bhala mizura ta' solidarjeta` socjali filwaqt li min m'ghandu xejn ma jhallas xejn anzi jircievi ghajnuna minghand l-Istat. Fit-tieni lok, mill-provi jirrizulta li r-rikorrent lahaq l-eta` pensjonabbli fid-29 ta' Jannar 2011 wara perjodu ta' circa sentejn u nofs il-habs. Ta' dan iz-zmien huwa ma giex mitlub li jhallas jew jaghmel xoghol b'xejn lil Gvern biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez li l-Istat nefaq biex mantnih, ghax f'dan iz-zmien huwa ma kienx fil-pozizzjoni li jahdem u jiggenera introjtu.

**30.** Il-hsieb wara l-Artikolu 91 huwa li jekk persuna, f'sitwazzjoni normali hi intitolata ghal hlas ta' xi <u>beneficcju mill-Istat</u>, l-Istat ghandu d-dritt li jzomm dak il-beneficcju la darba l-Istat qed jaghmel spejjez sabiex imantni dik il-persuna fil-habs.

**31.** L-argument l-iehor bazat fuq paragun bejn persuna li qeghda l-habs u persuna li taghmel operazzjoni fil-isptar tal-istat huwa fattwalment u legalment insostenibbli. Huwa fattwalment insostenibbli ghax is-sitwazzjonijiet proposti huma differenti, ghax filwaqt li l-ewwel ipotesi tikkontempla l-kaz ta' persuna kundannata l-habs ghal reat kriminali li kien ghamel, it-tieni ipotezi tikkontempla sitwazzjoni ta' mard, u ghalhekk huma sitwazzjonijiet inkomparabbli. Huwa legalment insostenibbli ghax kif inhu notorju fis-sistema taghna s-servizzi ta' sahha provduti mill-Istat huma b'xejn ghal kulhadd, inkluz ghar-rikorrent li jinsab inkarcerat u wkoll ghar-rikorrenti li ssofri minn kundizzjoni medika.

**32.** Rigward il-kazijiet ta' **Banfield v. United Kingdom** u **Azinas v. Cyprus** il-Qorti tosserva li s-sitwazzjonijiet fattwali ta' dawn il-kazijiet huma differenti minn dak tar-rikorrenti. Fil-kaz ta' ***Azinas***, ghalkemm il-Qorti Ewropeja esprimiet ruhha fuq il-pozizzjoni legali in generali dwar il-beneficji socjali kif fuq indikat, il-fatt jibqa' li f'dak il-kaz l-applikant kien tnehhielu l-beneficcju tal-pensjoni b'mod permanenti u konsegwenza tar-reat li kien wettaq, filwaqt li fil-kaz odjern il-mizura mehuda kontra r-rikorrenti kienet wahda temporanja limitata ghaz-zmien li kellu jiskonta fil-habs. Ukoll, u b'aktar enfasi, anki l-kaz ta' ***Banfield*** huwa totalment divers ghaliex f'dan il-kaz iz-zamma tal-beneficcju kienet wahda permanenti.

**33.** Rigward l-ilment inkwantu jolqot lir-rikorrenti Marianna Hili, il-Qorti tosserva li, tenut kont li l-pensjoni tar-rikorrent giet mizmuma sabiex taghmel tajjeb ghall-ispejjez li l-Istat qed johrog sabiex imantni lil zewgha fil-habs, l-argument taghha li hi qed tigi penalizzata darbtejn peress li ttiehdilha l-pensjoni spettanti lil zewgha u ghalhekk naqset milli tuzufruwixxi minnha, ma jreggix stante li l-pensjoni hija dovuta lil zewgha u mhux lilha. Inoltre, il-fatt li hi giet privata wkoll min-nofs dovut lilha skont il-ligi ma jirreka ebda piz eccessiv fuqha, stante li dan in-nofs ma nghatax lilha peress li hi tircievi bi dritt taghha stess beneficcju tal-invalidita` u ghalhekk ma jreggix l-argument li hi m'ghandhiex sostenn finanzjarju bizzejjed biex tghix. Ukoll, jekk jigi pruvat skont *means testing* li hi hija finanzjarjament batuta tibqa' miftuha ghaliha t-triq li titlob ghall-assistenza socjali kif spjegat mix-xhud George Cremona.

**34.** Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li minhabba kundizzjoni medika li ghandu hu ma jistax jiekol ikel servut fil-habs u ghalhekk l-ikel tippreparahulu r-rikorrenti a spejjez taghha, il-Qorti tosserva li ghalkemm dan il-fatt jinsab konfermat minn martu, izda ma jsib ebda konfort iehor fil-provi, bhal per ezempju xhieda tat-tabib tal-habs, jew ta' xi tabib iehor, jew xi certifikat mediku li jiccertifika l-kundizzjoni medika allegata minnu, jew li l-ikel servut fil-habs verament mhux tajjeb ghalih. Din il-prova kienet tispetta lir-rikorrenti li kellhom l-oneru jipprovaw il-fatt allegat minnhom. Ghaldaqstant din il-Qorti ftit li xejn tista' tqis bhala provata din l-allegazzjoni.

**35.** In fine, b'referenza ghal dak sottomess mir-rikorrenti fir-rigward tal-kaz ta' ***Banfield***, din il-Qorti tosserva li r-reat li tieghu kien instab hati r-rikorrenti kien dak ta' tentattiv ta' omicidju li ghalih gie kkundannat tnax-il sena prigunerija u ghalhekk huwa reat serju li jxaqleb il-bilanc lejn l-interess tal-pubbliku kontra dak tar-rikorrent.

**36.** Ghalhekk tenut kont li l-hlas tal-kontribuzzjonijiet hija mizura bazata fuq solidarjeta` socjali biex taghmel tajjeb ghall-ghajnuna li jaghti l-Istat lil min hu intitolat ghaliha fiz-zmien tal-hlas taghhom, tenut tal-fatt li s-sospensjoni tal-pensjoni hija wahda temporanja li bdiet tiddekorri mid-29 ta' Jannar 2011 u sakemm ir-rikorrent jiskonta l-piena karcerarja, tenut kont tal-fatt li r-rikorrenti qed tircievi bi dritt taghha pensjoni tal-invalidita` fl-ammont mensili ta' tliet mija u hamsin Euro (€350), din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li ma jistax validament jinghad li l-Artikolu 91 u l-applikazzjoni tieghu fil-konfront tar-rikorrenti ma jissodisfax ir-rekwizit tal-interess generali u tal-proporzjonalita` b'mod li qed titfa' fuq ir-rikorrenti piz eccessiv u sproporzjonat tali li jivvjola d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**37.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tieni aggravju*

**38.** Dan hu bazat fuq id-dispozizzjoni tal-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni li jhares id-dritt fundamentali tas-smiegh xieraq. Ir-rikorrenti jghidu li dan l-artikolu ghandu jigi nterpretat b'mod wiesa' tali li jinkorpora fih mhux biss proceduri kriminali, imma wkoll decizjoni dwar drittijiet u obbligazzjonijiet civili.

**39.** Jghidu li m'hemmx dubju li d-decizjoni li titwaqqaf, totalment jew parzjalment, il-pensjoni ta' individwu hija decizjoni ta' dritt civili fit-termini tal-artikolu precitat. Huma komplew ifissru hekk dan l-aggravju:

> "… fil-kaz odjern mhux biss l-esponenti ma kellhomx smigh xieraq, talli addirtittura ma kellhom ebda smiegh! Anke jekk wiehed, bla pregudizzju, ma jaccettax l-argument illi gew kastigati darbtejn, xorta jibqa' l-fatt lill ghat-tieni kastig [u cioe' d-dekadenza mill-pensjoni], kellu jkun hemm smigh xieraq. Semplici provvediment tal-ligi bhal Artikolu 91 li jipprovdi fejn u kemm ghandha tinqata' mill-pensjoni mhuwiex bizzejjed sabiex id-drittijiet tal-esponenti ghal smigh xieraq jigu salvagwardati. Dan fih innifsu, huwa leziv tad-dritt ta' l-esponenti…."

**40.** Min-naha taghhom l-intimati jirribattu dan l-aggravju, principalment billi jirreferu ghall-Artikoli 106 u 108 tal-Kap. 318.

**41.** Din il-Qorti tosserva li fis-sustanza dawn id-dispozizzjonijiet tal-ligi citati mill-intimati jaghtu dritt ta' appell mid-decizjoni tad-Direttur quddiem Arbitru mahtur biex jisma' fost ohrajn *"xi talba"* rigwardanti, fost ohrajn pensjonijiet u assistenza socjali. Dan l-Arbitru huwa mahtur ghal sena, ghandu l-fakolta` li jisma' xhieda bil-gurament bl-istess mod li ghandha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili, u huwa wkoll soggett ghar-regola tar-rikuza u astenzjoni skont l-Artikolu 734 tal-Kap. 12. Inoltre hemm dritt ta' appell lill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] mid-decizjoni tal-Arbitru.

**42.** Fil-kaz odjern jirrizulta li, ghalkemm ir-rikorrenti ghamlet appell quddiem l-Arbitru mid-decizjoni tad-Direttur li b'applikazzjoni tal-Artikolu 91 qed jitlobha lura nofs il-pensjoni li kienet diga` thallset lilha, ma jirrizultax li sar xi appell mir-rikorrenti dwar l-aspetti l-ohra tal-artikolu precitat, u senjatament iz-zamma tal-pensjoni lir-rikorrent waqt li kien qed jiskonta l-piena karcerarja.

**43.** Ghalhekk fic-cirkostanzi l-argument li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 91 ir-rikorrenti sofrew vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq hija fattwalment u legalment insostenibbli stante li fil-fatt il-ligi tipprovdi ghas-smiegh tal-lanjanzi taghhom kemm taht forma ta' appell quddiem l-Arbitru kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell [Inferjuri] ghal-lanjanza taghhom.

**44.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tielet aggravju*

**45.** Dan hu bazat fuq l-Artikolu 39[9] tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni li jharsu d-dritt fundamentali li hadd ma jerga' jigi sottopost darbtejn ghall-proceduri kriminali li gew definittivament konkjuzi, jew li jigi kkastigat aktar minn darba ghall-istess reat.

**46.** Huma fissru hekk dan l-aggravju:

> "…il-kelma 'proceduri' jew 'processat' fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni rispettivamment ghandha tinghata interpretazzjoni wiesa' li ma tfissirx biss proceduri kriminali. Dan ghaliex wiehed jista' jirriskja jigi fis-sitwazzjoni ta' l-esponent illi, filwaqt li jnghata kastig ghal reat permezz tal-Qorti Kriminali, jinghata aktar tard kastig iehor permezz tal-operat tal-ligi. L-esponent jemmen li l-Artikolu 91 ghandu jigi interpretat bhala li jekwivali ghal proceduri godda fuq l-istess reat. Ghaliex altrimenti jkun hemm ir-riskju illi wiehed illi jigi kundannt ghal piena permess ta' qorti kriminali, jkun jista' jibqa' jigi kastigat ghal diversi drabi fo fora ohra ghall-istess reat, inghajr necessarjament jinfethu proceduri kriminali ohra kontrih."

**47.** Din il-Qorti tosserva li dan l-aggravju huwa manifestament infondat. L-Artikolu 91 tal-Kap. 318 ma jista' qatt jigi interpretat bhala li jimponi "kastig" fuq il-persuna li tkun qed tiskonta piena karcerarja, imma hija dispozizzjoni ta' ligi li taghmel parti minn sistema shiha ta' kif jigu distribwiti l-fondi tal-Fond

Konsolidat bejn dawk li skont il-ligi huma intitolati ghal xi beneficcju socjali, inkluzi l-pensjonijiet u l-assistenza socjali. Kif gja` fuq indikat il-Kap. 318 ghandu bhala bazi tieghu s-solidarjeta` socjali, u bis-sahha tieghu l-legislatur ried jirregola d-dhul f'forma ta' kontribuzzjonijiet imhallsa minn min ikun qed jahdem bi qliegh, u d-distribuzzjoni ekwa u gusta ta' dawn il-fondi lil min hu fil-bzonn.

**48.** Huwa min din l-ottika li wiehed ghandu jhares lejn l-Artikolu 91 li fl-ewwel lok jiskwalifika prigunier sentenzjat milli jircievi xi beneficcju socjali li jkun altrimenti intitolat ghalih peress li dan il-prigunier ikun qed jigi mantnut il-habs mill-Istat, fit-tieni lok li jaghti d-dritt lil mara tieghu [fiz-zwieg] ta' dan il-prigunier li tircievi nofs il-pensjoni ta' zewgha proprju sabiex din ma jkollhiex ghalfejn tapplika ghall-assistenza socjali ghall-ghejxien taghha, u fit-tielet lok, jekk din tkun diga` qed tircievi beneficcju socjali bi dritt taghha stess, allura ma jkollhiex dritt ghal dik in-nofs tal-pensjoni. Jibqa' dejjem miftuh ghal mara, li ma tkunx tahdem bi qliegh, li titlob ghal assistenza socjali.

**49.** Mill-premess jirrizulta car li l-paragun maghmul mir-rikorrenti bejn iz-zamma tal-pensjoni ta' prigunier sentenzjat fiz-zmien li dan jkun ghadu l-habs u kastig ghar-reat maghmul minnu, huwa zbaljat; u l-ewwel Qorti kellha ragun meta osservat li *"… l-iskwalifika tal-pensjoni skond kif jipprovdi l-Art. 91 mhijiex tal-istess natura u lanqas ma tikkwalifika bhala process kriminali gdid*

*kontrih [ir-rikorrent] ghall-istess reati li taghhom diga` kien misjub hati u kkastigat."* Fil-fatt l-iskwalifika temporanja tal-pensjoni mhijiex marbuta mar-reat li ghalih ir-rikorrent gie kkastigat bil-piena karcerarja, izda maz-zamma tieghu fil-habs fit-twettieq ta' dik il-piena.

**50.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*Ir-raba' aggravju*

**51.** Dan l-aggravju, bazat fuq l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni hu fis-sens li, l-applikazzjoni tal-Artikolu 91 fil-konfront ghar-rikorrenti wasslet sabiex dawn ibatu diffikultajiet finanzjarji kbar li necessarjament wasslu lill-istess rikorrenti ghal tbatija mentali kbira, kemm lir-rikorrenti Paul Hili li safa' minghajr pensjoni ghaz-zmien li ghamel il-habs, kif ukoll ir-rikorrenti martu li thalliet fi stat finanzjarju prekarju tenut kont ukoll tal-ammont tenwu tal-pensjoni tal-invalidita` percepita minnha mil-liema ammont qed jitnaqqas 5% sabiex jigu rifuzi lid-Direttur intimat minhabba li bi zball kienet ghamlet zmien tiehu nofs il-pensjoni dovuta lil zewgha.

**52.** Din il-Qorti tikkunsidra dan l-aggravju manifestament infondat ghar-ragunijiet segwenti. Fl-ewwel lok, it-tnaqqis mill-pensjoni tar-rikorrenti Marianne Hili kien dovut ghall-hlas maghmul indebitament lilha meta din bdiet

tippercepixxi nofs il-pensjoni ta' zewgha minkejja li kienet diga` qed tircievi pensjoni bi dritt taghha stess. Fi kliem iehor qed trodd lura flus li hi kienet rceviet kontra l-ligi. Fit-tieni lok, ghalkemm ir-rikorrenti jghidu li sofrew "tbatija mentali kbira" rizultat tad-"diffikultajiet finanzjarji kbar" minn imkien mill-provi ma jirrizulta li s-sitwazzjoni finanzjarja taghhom hija verament prekarja. Ma ngabitx prova dwar l-assi attivi jew passivi li jippossjedu[11] r-rikorrenti kemm bhala assi -komunjoni tal-akkwisti, kif ukoll bhala proprjeta` parafernali taghhom, *multo magis* meta jigi kkunsidrat il-fatt li qabel ma dahal il-habs ir-rikorrent kellu impieg regolari bhala enginier mal-kumpanija tal-ajru lokali. Lanqas fix-xhieda taghhom ma taw hjiel jekk ghandhomx assi li setghu uzawhom biex isostnu lilhom infushom sakemm ir-rikorrent jiskonta l-piena tieghu. Min-naha taghha r-rikorrenti ma xehditx dwar l-ispejjez mensili, kemm ta' hajja kif ukoll tal-utilitajiet tad-dar, inkorsi minnha u kif qed taghmel biex tlahhaq maghhom.

**53.** Ghalhekk fil-fehema tal-Qorti din l-affermazzjoni li fuqu huwa bazat dan l-aggravju mhuwiex sostnut b'ebda prova.

**54.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

[11] Mill-Kap.318 jirrizulta li l-pensjoni tal-invalidita`, apparti mir-rekwiziti mediku tal-inkapacita` ghax-xoghol, hija relatata maz-zmien li l-persuna kienet damet tahdem qabel ma applikat ghal din il-pensjoni u mal-kontribuzzjonijiet maghmula minnha. Ara per ezempju u Art.26

*Il-hames aggravju*

**55.** Dan hu fis-sens li l-applikazzjoni tal-Artikolu 91 fil-konfront tar-rikorrenti huwa leziv tal-Artikolu 14 abbinat mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Jghidu li meta s-sitwazzjoni tar-rikorrent tigi mqabbla ma' persuni ohra illi bhalu hallsu kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Socjali tul hajjithom kollha bl-aspettattiva legittima li meta jilhqu l-eta` pensjonabbli *"ikollhom mohhom mistrieh li jkollhom forma ta' sostenn ghalihom u ghall-familja taghhom."* hemm diskriminazzjoni fuq bazi ta' *status* bejn persuna li tinsab il-habs u persuna li ma tinsabx il-habs, u filwaqt li fl-ewwel kaz il-persuna tittiehdilha l-pensjoni, fit-tieni kaz il-persuna tippercepixxi l-pensjoni kollha dovut lilha.

**56.** Ir-rikorrent jghid li hu sofra diskriminazzjoni ohra meta s-sitwazzjoni tieghu tigi mqabbla ma' prigunieri ohra li ma humiex tal-eta` pensjonabbli jew prigunieri li ma jippossjedu l-ebda fondi. Inoltre, il-prigunieri ta' eta` mhux pensjonabbli m'huma obbligati li jhallsu ebda somma biex jinzammu fil-habs anke jekk dawn ghandhom fondi proprji.

**57.** L-intimati min-naha taghhom jghidu li l-Artikolu 91 japplika "ugwalment" ghal kull prigunier sentenzjat minghajr distinzjoni, u ghalhekk ma hemmx kaz ta' diskriminazzjoni. Inoltre, huma jissenjalaw dak li qalet l-ewwel Qorti u cioe` li l-fatt li persuna tkun qed tiskonta sentenza fil-habs ma tassumix *status*.

**58.** In tema legali jigi osservat li kif affirmat, kemm fil-gurisprudenza lokali, kif ukoll f'dik Ewropeja:

> "......... the right under Article 14 not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is violated when States treat differently persons in analagous situations without providing an objective and reasonable justification."[ECHR *Wessels-Bergovoet v. The Netherlands,* deciza 4 Settembru 2002; ECHR *Frette v France*, deciza 26 Frar 2002, para.34; u *Zarb Adami v. Malta*, deciza 20 Gunju 2006; u, *QK Enrietta Bianchi et v. Avukat Generali* – deciza 24 Gunju 2011; u *Q.Kos. 6/2005 Grech Lawrence vs Avukat Generali,* deciza 31/1/2014 u Q*.Kos. 64/12 John Caruana et vs Kummissarju tal-Art,* deciza 31/10/2014][12]

**59.** Il-Qorti tosserva li l-paraguni li qed jaghmlu r-rikorrenti ma jissodisfawx ir-rekwiziti necessarji sabiex tikkonfigura d-diskriminazzjoni a tenur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**60.** Il-paragun bejn ir-rikorrent fil-habs jiskonta sentenza ta' prigunerija u persuni li mhumiex fil-habs huwa minnu nnifsu dghajjef u ma jreggix, stante li s-sitwazzjonijiet proposti huma differenti. Huwa minnu li fiz-zewg kazijiet thallsu l-kontribuzzjonijiet, izda bil-kommissjoni tar-reat li tieghu instab hati, ir-rikorrenti holoq sitwazzjoni differenti minn dik ta' min mhux fil-habs. Fi kliem iehor hemm mankanti b'mod manifest ir-rekwizit tal-*"anagolous situations."* Ghax filwaqt li min mhux fil-habs irid jahseb ghas-sostenn tieghu nnifsu, min-

[12] Sottolinear ta' din il-Qorti

naha l-ohra min qed jiskonta piena l-habs qed jigi sostnut mill-Gvern bi spejjez tal-Istat.

**61.** Inoltre, iz-zamma tal-pensjoni tar-rikorrent sakemm dan idum fil-habs hija, fil-fehma ta' din il-Qorti, bazata fuq raguni gustifikata u oggettiva, u cioe` li ladarba r-rikorrent qed jigi mantnut mill-Istat sakemm jiskonta l-piena tieghu, huwa ma jistax jitqies li qieghed fil-bzonn u l-Istat ghandu d-dritt li jzommlu l-beneficcju altrimenti dovut lilu, liema beneficcju jinhareg mill-Fond Konsolidat biex jinghata lil min hu fil-bzonn.

**62.** L-istess konsiderazzjoni tapplika ghat-tieni forma ta' diskriminazzjoni allegata mir-rikorrenti. Il-fatt li prigunieri ta' eta` mhux pensjonabbli, bhalma kien ir-rikorrent qabel ma lahaq l-eta` tal-irtirar, ma jhallsux ghas-sostenn taghhom fil-habs anke jekk dawn ghandhom il-mezzi biex jaghmlu hekk, ma jaghtix sostenn validu lit-tezi tar-rikorrenti, ghax filwaqt li anke f'dawk il-kazijiet l-Istat qed jaghmel tajjeb ghas-sostenn taghhom fil-habs, izda mhux qed jaghtihom ebda beneficcju socjali.

**63.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------